TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Owen Demarco

vs

Darmanin Footwear Ltd

CCT 117/21/MS

6 ta' Lulju 2022

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrent ipprezentat fit-22 ta' Lulju 2021 fejn talab lil dan it-Tribunal jikundanna l-isocjeta' intimata thallsu s-somma ta' mija u hamsin Euro, prezz ta' zarbun mixtri minghand is-socjeta' intimata, liema zarbun kien difettuz.

Ra illi s-socjeta' intimata, debitament notifikata, ma dahlitx risposta u lanqas ma deher rapprezentant taghha meta hekk imsejjah biex jixhed.

Ra l-atti kollha tal-process.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi rrizulta mill-provi illi r-rikorrent xtara zarbun minghand is-socjeta' intimata ghall-prezz ta' €140.00 u wara sitt xhur iz-zarbun tqatta'. Ir-rikorrent talab li jiehu flusu lura, pero' s-socjeta' intimata rrifjutat u r-rikorrent ghalhekk ghazel zarbun iehor li kien iktar oghli bhala prezz u kellu jzid il-flus. Fil-fatt it-tieni zarbun kien €150.00 u nxtara fit-12 ta' Novembre 2020. Pero' wara ftit xhur rega' gara l-istess u din id-darba tqatta' mit-tieni holqa tan-naha tal-lemin. Ir-rikorrent hadu ghat-tiswija fl-4 ta' Marzu 2021 u talab li jew jigi msewwi jew jiehu flusu lura. Il-bejjiegh qallu li ser jirrangah izda metą mar jigbru wara xahar, ghall-ewwel ma nstabx u metą nstab irrizulta li kien ghadu mhux imsewwi. Ghaddew xahrejn u meta rega' ma sema' xejn, mar ghand il-hanut u infurmawh illi ma kienx ser jitranga u ma kienx ser jinghata flusu lura.

Illi s-socjeta' intimata m'ghamlitx risposta u hadd ma deher biex jixhed. Dan ma jawgura xejn tajjeb fic-cirkostanzi u hija riflessjoni ta' nuqqas ta' professjonalizmu tal-kumpanija u

jkompli jinduci t-Tribunal jemmen il-versjoni tar-rikorrent, li hija verosimili u korroborata bl-evidenza.

Ikkunsidra

Illi din il-pendenza tirrigwarda par zarbun li r-rikorrent xtara minghand is-socjeta' intimata tad-ditta Hoka One One Clifton 7. Dan huwa reklamat bhala '*premium running shoe*' u l-prezz tieghu mhuwiex irhis. Gara pero' illi wara xi sitt xhur tqatta minn gewwa u r-rikorrent kien accetta illi jbiddlu ma iehor gdid Hoka One One Challenger Low GTX wara li zied xi haga fil-prezz (ara ircevuta datat 12 ta' Novembru fl-ammont ta' €150.00). Hawn ukoll, pero', ir-rikorrent kellu problemi u z-zarbun tqatta' wara ftit xhur. Ir-rikorrent kien lest illi jacetta li z-zarbun jigi imsewwi izda s-socjeta' intimata baqghet inadempienti.

Illi fil-kontumacja tas-socjeta' intimata, it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrent approva l-istanza tieghu sal-grad li trid il-ligi.

Tenut kont li dan kien it-tieni zarbun li xtara minghandhom f'temp ta' ftit xhur, it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrent ghandu jinghata flusu lura.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrent u jordna s-socjeta' intimata thallsu s-somma ta' mija u hamsin Euro (€150.00). Bl-ispejjes kontra l-istess socjeta' Intimata.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru